31970R1251

30.6.1970 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 142/24

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1251/70
tad-29 ta' Ġunju 1970
dwar id-dritt tal-ħaddiema li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li kienu impjegati f'dak l-Istat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3)(d) tiegħu, u l-Artikolu 2 tal-Protokoll fuq il-Gran Dukat tal-Lussemburgu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 [2] tal-15 ta' Ottubru 1968 u d-Direttiva tal-Kunsill Nru 68/360/KEE tal-15 ta' Ottubru 1968 [3] ippermettew li tkun żgurata l-libertà ta' moviment tal-ħaddiema fit-tmiem ta' serje ta' miżuri li għandhom jintlaħqu progressivament; billi d-dritt ta' residenza miksub mill-ħaddiema li qed jaħdmu attivament għandu dritt korollarju, mogħti mit-Trattat lil dawn il-ħaddiema, li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li kienu impjegati f'dak l-Istat; billi huwa importanti li jitniżżlu l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt;

Billi l-imsemmija Regolament tal-Kunsill u Direttiva tal-Kunsill għandhom dispożizzjonijiet xierqa dwar id-dritt tal-ħaddiema li joqogħdu fit-territorju ta' Stat Membru għall-għanijiet ta' impjieg; billi d-dritt li toqgħod, imsemmi fl-Artikolu 48(3)(d) tat-Trattat; huwa interpretat għaldaqstant bħala d-dritt tal-ħaddiem li jżomm ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru meta jieqaf mill-impjieg hemm;

Billi l-mobbilità tax-xogħol fil-Komunità teħtieġ li ħaddiema jistgħu jkunu impjegati suċċessivament f'diversi Stati Membri mingħajr b'hekk ma jkunu mqiegħda f'żvantaġġ;

Billi huwa importanti, fl-ewwel lok, li jkun garantit lill-ħaddiem li joqgħod fit-territorju ta' Stat Membru d-dritt li jibqa' f'dak it-territorju meta jieqaf mill-impjieg f'dak l-Istat għaliex ikun laħaq l-età ta' l-irtir jew minħabba inkapaċità permanenti li jaħdem; billi, iżda, huwa ukoll importanti li jkun żgurat id-dritt għall-ħaddiem li, wara perjodu ta' impjieg u residenza fit-territorju ta' Stat Membru, jaħdem bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, waqt li jżomm ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' l-ewwel Stat;

Billi, biex ikunu determinati l-kondizzjonijiet li taħthom iqum id-dritt li jibqa', għandu jkun tenut kont tar-raġunijiet li jkunu wasslu għat-tmiem ta' l-impjieg fit-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat u, b'mod partikolari, tad-differenza bejn l-irtirar, it-tmiem normali u mbassar tal-ħajja tax-xogħol, u l-inkapaċità għax-xogħol li twassal għat-tmiem prematur u mhux imbassar ta' attività; billi kondizzjonijiet speċjali għandhom ikunu pprovduti fejn it-tmiem ta' attività huwa riżultat ta' inċident ix-xogħol jew marda okkupazzjonali, jew fejn il-konjuġi tal-ħaddiem hu jew kien ċittadin ta' l-Istat Membru kkonċernat;

Billi l-ħaddiem li wasal fit-tmiem tal-ħajja tax-xogħol tiegħu għandu jkollu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi fejn jixtieq jistabbilixxi r-residenza finali tiegħu;

Billi l-eżerċizzju mill-ħaddiem tad-dritt li jibqa' jfisser li dak id-dritt għandu jkun estiż għall-membri tal-familja tiegħu; billi fil-każ ta' mewt tal-ħaddiem matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu, iż-żamma tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu għandha tkun rikonoxxuta ukoll u tkun soġġetta għal kondizzjonijiet speċjali;

Billi persuni li japplika għalihom id-dritt li jibqgħu għandhom igawdu trattament ugwali ma' ħaddiema ċittadini li jkunu temmew l-ħajja tax-xogħol tagħhom,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw liċ-ċittadini ta' Stat Membru li jkunu ħadmu bħala impjegati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u lill-membri tal-familji tagħhom, kif definiti fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 fuq il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità.

L-Artikolu 2

1. Dawn li ġejjin għandhom id-dritt li jibqgħu b'mod permanenti fit-territorju ta' Stat Membru:

(a) ħaddiem li, fiż-żmien tat-tmiem ta' l-attività tiegħu, ikun wasal fl-età msemmija fil-liġi ta' dak l-Istat Membru għal intitolament ta' pensjoni ta' l-età avvanzata u li kien impjegat f'dak

[1] ĠU C 65, tal-5.6.1970, p. 16.
[2] ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.
[3] ĠU L 257, tad-19.10.1968, p.13.

l-Istat għal mill-anqas l-aħħar tnax-il xahar u li kien jirrisjedi hemm kontinwament għal aktar minn tliet snin;

(b) ħaddiem li, wara li jkun qagħad kontinwament fit-territorju ta' dak l-Istat għal aktar minn sentejn, jieqaf jaħdem hemm bħala persuna impjegata bħala riżultat ta' inkapaċità permanenti biex jaħdem. Jekk din l-inkapaċità hija riżultat ta' inċident ix-xogħol jew marda okkupazzjonali li tintitolah għall-pensjoni għal liema istituzzjoni ta' dak l-Istat hija għal kollox jew parzjalment responsabbli, l-ebda kondizzjoni ma tista' tkun imposta dwar it-tul ta' residenza;

(ċ) ħaddiem li, wara tliet snin ta' impjieg kontinwu u residenza fit-territorju ta' dak l-Istat, jaħdem bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, waqt li jżomm ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' l-ewwel Stat, li jirritorna fih, bħala regola, kuljum jew mill-anqas darba f'ġimgħa.

Perjodi ta' impjieg mitmuma b'dan il-mod fit-territorju ta' l-Istat Membru l-ieħor għandhom, għall-għan ta' intitolament tad-drittijiet msemmija fis-subparagrafi (a) u (b), ikunu kkonsidrati bħala mitmuma fit-territorju ta' l-Istat ta' residenza.

2. Il-kondizzjonijiet dwar it-tul tar-residenza u l-impjieg provduti fil-paragrafu 1 (a) u l-kondizzjoni dwar it-tul tar-residenza provdut fil-paragrafu 1 (b) ma japplikawx jekk il-konjuġi tal-ħaddiem hu ċittadin ta' l-Istat Membru kkonċernat jew tilef in-nazzjonalità ta' dak l-Istat bi żwieġ lil dak il-ħaddiem.

L-Artikolu 3

1. Il-membri tal-familja tal-ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament li qed joqogħdu miegħu fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu intitolati li jibqgħu hemm għal kollox jekk il-ħaddiem kiseb id-dritt li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat skond l-Artikolu 2, u li jagħmlu hekk ukoll wara l-mewt tiegħu.

2. Jekk, iżda, il-ħaddiem imut matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu u qabel ma jikseb id-dritt li jibqa' fit-territorju ta' l-Istat ikkonċernat, membri tal-familja tiegħu għandhom ikunu intitolati li jibqgħu hemm għal kollox bil-kondizzjoni li:

— il-ħaddiem, fid-data tal-mewt tiegħu, ikun qagħad kontinwament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru għal mill-anqas sentejn; jew

— mewtu kienet riżultat ta' inċident fuq ix-xogħol jew marda okkupazzjonali; jew

— il-konjuġi superstiti hija ċittadina ta' l-Istat ta' residenza jew tilfet in-nazzjonalità ta' dak l-Istat bi żwieġ lil dak il-ħaddiem.

L-Artikolu 4

1. Il-kontinwità ta' residenza kif provduta fl-Artikoli 2(1) u 3(2) tista' tkun awtentikata permezz ta' prova użata fil-pajjiż ta' residenza. M'għandhiex tkun milquta b'assenzi li ma jaqbżux total ta' tliet xhur kull sena, u lanqas permezz ta' assenzi itwal minħabba konformità ma' l-obbligi tas-servizz militari.

2. Perjodi ta' qgħad involontarju, reġistrat kif imiss mill-uffiċċju kompetenti ta' l-impjiegi, u assenzi minħabba mard jew inċidenti għandhom ikunu kkonsidrati bħala perijodi ta' impjieg fit-tifsir ta' l-Artikolu 2(1).

L-Artikolu 5

1. Il-persuna ntitolata għal dan id-dritt għandha titħalla li teżerċitah fi żmien sentejn minn meta ssir intitolata għal dan id-dritt bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1) (a) u (b) u l-Artikolu 3. Matul dan il-perjodu jista' jħalli t-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jaffettwa ħażin dak id-dritt.

2. L-ebda formalità m'għandha tenħtieġ mill-persuna kkonċernata dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tibqa'.

L-Artikolu 6

1. Persuni li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati għall-permess ta' residenza li:

(a) għandu jinħareġ u jiġġedded bla ħlas jew b'pagament ta' somma li ma teċċedix id-drittijiet u taxxi pagabbli miċ-ċittadini għal ħruġ jew tiġdid ta' dokumenti ta' identità;

(b) għandu jkun validu fit-territorju kollu ta' l-Istat Membru li joħorġu;

(ċ) għandu jkun validu għal mill-anqas ħames snin u jkun jiġġedded awtomatikament.

2. Perjodi fejn ma jkunx hemm residenza li ma jeċċedux sitt xhur konsekuttivi m'għandhomx jaffettwaw il-validità tal-permess ta' residenza.

L-Artikolu 7

Id-dritt għal trattament ugwali, stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, għandu japplika ukoll għal persuni li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 8

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa kull dispożizzjoni provduta mil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva ta' Stat Membru wieħed li jkun aktar favorevoli liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra.

2. Stati Membri għandhom jiffaċilitaw id-dħul mill-ġdid fit-territorji tagħhom ta' ħaddiema li ħallew dawk it-territorji wara li kienu residenti hemmhekk għal kollox għal perjodu twil u li kienu impjegati hemm u li jixtiequ jerġgħu lura hemm meta jilħqu l-età ta' l-irtir jew huma inkapaċitati għal kollox.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsidra l-iżviluppi fis-sitwazzjoni demografika fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tipprovdi, fuq talba ta' dak l-Istat, kondizzjonijiet differenti minn dawk provduti f'dan ir-Regolament, fir-rigward ta' l-eżerċizzju tad-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Lussemburgu.

2. Fi żmien xahrejn wara li t-talba li tagħti kull dettal xieraq tit-poġġa quddiemha, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li ssemmi r-raġunijiet fuq liema hija bbażata.

Għandha tinnotifika l-Gran Dukat tal-Lussemburgu b'dik id-deċiżjoni u tinforma lill-Istati Membri l-oħra biha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1970.

Għall-Kummissjoni

Jean REY

Il-President